# Kunsill Reġjonali Lvant

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 2

## L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2

Il-Ġimgħa 14 ta' Jannar, 2022

Il-Kunsill Reġjonali Ċentru ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sa Graziella Attard Previ – Sindku tas-Sliema
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa. Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sur Noel Muscat – Sindku Swieqi
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Omar Elaref Arab – Viċi Sindku Pembroke
Is-Sur Keith Tanti –Sindku Pieta'

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, radd is-salib u talab lill-interċezzjoni tal-Ħnina Divina biex tilluminana u tipproteġina u presjeda l-laqgħa.

## 2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

2.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun ma kien irċieva l-ebda ittra ta' apoloġija mill-membri.

## 2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 57 li saret nhar il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2021 kienu meħuda bħala moqrija.

2.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas- Sindku tal- Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, u sekondati mis-Sindku l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai.

2.2.3 Il-membri preżenti approvaw dan it-tibdil.

## 2.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Messaġ ta' Ringrazzjament*

2.3.1 Il-President irringrazzja lill-membri talli ġie milquh sabiex imexxi dan ir-Reġjun bil-formazzjoni ġdida. Ħa l-okkazzjoni sabiex jirringrazzja kemm lill-President uxxenti, kif ukoll lill-erbgħa Kunsilli Lokali li m'għadhomx parti minn dan ir-Reġjun u ta merħba lit-tliet Kunsilli ġodda.

2.3.2 Is-Sur Chircop spjega kif hu jħoss li dan il-forum huwa opportunità biex wieħed ikun jistà jiddiskuti ħsibijiet li jistgħu jtejbu l-operat ta' kull Kunsill Lokali. Fejn numru ta' Sindki u rappreżentanti qed jiltaqgħu għal għan wieħed – it-titjib u li nġibu 'l quddiem l-operat tal-Kunsilli partikolari u fejn jiġu diskussi problemi li jaf ikunu f'numru ta' Kunsilli L-għan tar-Reġjun għandu jkun li jservi sabiex jiġi diskussa dawn il-problemi u fejn ikun hemm bżonn ta' għajnuna, nkunu ta' spalla tajba u kontinwa għall-għanijiet sabiex inkunu nistgħu nmexxu 'l quddiem. Kull deċiżjoni għandhu tkun ta' għajnuna u sapport lill-Kunsilli Lokali.

2.3.3 Il-President talab sabiex jekk xi ħadd mill-membri jkun jixtieq li jiġi diskuss suġġett partikolari waqt il-laqgħat tar-Reġjun, ikun ferm apprezzat jekk it-talba tiġi ndirizzata lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun qabel il-laqgħa sabiex tkun tistà tkun tiġi nkluża fuq l-aġenda.

## 2.4 Ħatra tal-Viċi President

2.4.1 Il-President staqsa jekk il-membri jixtieq− iressqu n-nominazzjonijiet tagħhom jew tiġi għandhiex tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss sabiex jiġu milquha n-nominazzjonijiet.

2.4.2 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, esprima l-interess tiegħu għal din il-pożizzjoni b'mod speċjali peress li huwa l-aktar wieħed li ilu jħadden il-kariga ta' Sindku.

2.4.3 Is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Keith Tanti, qal kif bħala ġest ta' għaqda bejn il-membri, hu xtaq jinnomina lis-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, għal din il-kariga biex bħala Reġjun nibgħatu sinjal ta' għaqda

bejnietna. Is-Sur Tanti spejga kif il-membri ġejjin minn żewġ politiċi opposti u kif isir fil-kamra tal-parlament, l-istess prinċipju għandu jiġu applikat f'dan ir-Reġjun.

2.4.4 Il-President esprima kif hu jixtieq li jkun hemm diskussjoni u qbil u ma nitilqux fuq nota ħażina. Is-Sur Chircop eprima l-apprezzament tiegħu lejn is-Sur Dalli talli ressaq ix-xewqa tiegħu u li għandha tiġi kkunsidrata wkoll.

2.4.5 Is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa. Joanne Debono Grech, spjegat kif fil-leġislazzjoni preċedenti qatt ma pproċedu b'vot ta' sfiduċja peress li dejjem emmnu li fl-aħħar mill-aħħar kulħadd għandu jaħdem flimkien. Għal din ir-raġuni, hi qablet mas-Sur Tanti u spjegat kif tkun ta' ġid kieku il-Viċi Presidenti ikun ġej mill-partit politiku l-ieħor.

2.4.6 Il-Viċi Sindku ta' l-Iklin, is-Sa. Yvonne Bartolo, issuġġeriet li jekk ġaladarba ma jkunx hemm qbil, għandha ssir b'votazzjoni.

2.4.7 Il-President spjega li jemmen li għandu jkun hemm bilanċ, pero bilanċ mhux biss fil-prezenza tal-persuna imma wkoll fl-ispirtu u l-atteġjament.

2.4.8 Is-Sur Max Zammit ġibed l-attenzjoni li f'leġislazzjoni preċedenti kif hemm perjodu fejn il-President u l-Viċi kienu tal-partit opposti u li din tkun xi ħaġa sabieħa jekk terġa ssir f'din il-leġislazzjoni.

2.4.9 Il-President esprima li hu jħoss u jaqbel li għandu jkun hemm bilanċ b'mod speċjalment peress li r-rappreżentanti qedin f'parita.

2.4.10 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, spjegat li bil-kompożizzjoni tar-Reġjun l-ieħor, għalkemm huma kienu fil-maġġoranza, qatt ma nsistew li għandu jkun hemm bidla fit-tmexxija.

2.4.11 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sa Graziella Attard Previ, qablet ma' l-argument li ġie mressaq.

2.4.12 Is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, flimkien mas-Sindku ta' Swieqi, is-Sur Noel Muscat, il-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, ingħaqdu mas-Sa Attard Previ u qablu dwar in-nominazzjoni tas-Sur Max Zammit b'turija sabiex kulħadd jaħdem id f'id.

2.4.13 Peress li l-membri kulħadd qabel li l-Viċi President għandu jkun is-Sur Max Zammit, il-President irringrazzja lis-Sur Anthony Dalli talli esprima l-interess tiegħu u rringrazzja lil kulħadd u esprima li din turi li taspira tajjeb għall-futur li qed nimxu tajjeb fl-interess għal kulħadd. Is-Sur Chircop feraħ lis-Sur Zammit għal dan l-irwol.

## 2.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

2.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li hi ma kienet irċiviet l-ebda komunikazzjoni mill-membri

2.5.2 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, staqsa x'kienet il-proċedura dwar dan.

2.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif normalment domandi għandhom jintbagħtu qabel il-laqgħa pero kull darba li kien hemm bżonn li l-membri jressqu domanda, dejjem ġiet milquha.

2.5.4 Il-President talab lill-membri sabiex kemm jistà jkun, kull darba li jkun hemm bżonn tiġi mressqa xi domanda, għandu jsiru komunikazzjoni mas-Segretarju Eżekuttiv, preferibbilment qabel il-laqgħa, sabiex bħala Reġjun ikun hemm ħin biżżejjed biex tinġabar l-informazzjoni meħtieġa fuq dak is-suġġett li ser ikun diskuss.

2.5.5 Il-membri qablu dwar dan.

## 2.6 Rapporti

2.6.1 Il-President stieden lill-Accountant tar-Reġjun, is-Sa. Romina Perici Ferrante, sabiex jiġu ppreżentati l-*Financial Statements* tal-Kunsill Reġjonali Ċentru għas-sena 2021 kif ukoll il-Baġit tal-Kunsill Reġjonali Lvant għas-sena 2022.

2.6.2 Is-Sa Perici Ferrante tat spjegazzjoni dettaljata dwar il-Financial Statements għal Kunsill Reġjonali Ċentru kif ukoll il-Quarterly Report lill-membri preżenti, dan ir-rapport ġie approvat b'mod unanimu.

2.6.3 Is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Keith Tanti, irrimarka kif il-finanzi huma b'saħħithom tant li hemm bżonn jiġu utilizzati u staqsa jekk hemmx xi ħaġa li qed iżomm milli dan iseħħ.

2.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni kif waqt laqgħa li kellha mad-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, is-Sur Natalino Attard, hu kien qal kif ir-Reġjuni ma jistgħux jibqgħu joħorġu skemi finanzjarja kif kien qed isir fis-snin preċedenti. Dawn l-iskemi għandhom jinħarġu mid-Diviżjoni biss.

2.6.5 Is-Sa Galea spjegat ukoll li s-Sur Attard kien qal kif kellha tinżamm laqgħa dwar dan mal-Presidenti l-ġodda ġaladarba jibdew is-sitt Kunsill Reġjonali sabiex din tiġi indirizzata. Pero, din il-laqgħa għadha ma nżammitx u ma hemm l-ebda instruzzjoni bil-miktub dwar dan.

2.6.6 Hi żiedet tgħid ukoll kif wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll l-ammont ta' allokazzjoni finanzjarja li ser tingħata matul din is-sena 2022, huwa anqas mis-snin preċedenti minħabba li s-somma globali qed tinqasam fuq sitt Reġjuni minflok ħamsa. Inkluż fl-ammont hemm madwar €900,000 li kienu tpoġġew mid-Diviżjoni lejn l-aħħar tas-sena 2020 huma fondi marbutin ma' proġetti.

2.6.7 Is-Sur Chircop spjega li wieħed għandu jkun aktar kreattiv ta kif wieħed għandu joħroġ bi proġetti li jolqott lil kull lokalità fi ħdan ir-Reġjun.

2.6.8 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, talab spjegazzjoni dwar it-tnaqqis fl-allokazzjoni finanzjarja.

2.6.9 Is-Sa Romina Perici Ferranta spjegat kif qabel kien hemm ħames Reġjuni u issa ġew sitta. L-allokazzjoni kellha ġiet maqsuma bejn sitta flok bejn ħamsa.

2.6.10 Is-Segretarju Eżekuttiv xtaqet tinforma lill-membri kif l-uffiċjali l-ġodda li ġew impjegati mar-Reġjun f'dawn l-aħħar ftit xhur qed jitolbu lir-Reġjun x'baġit jistà jiġi offrut sabiex jinżammu ċertu proġetti.

2.6.11 Fuq rimarki li saru minn uħud mill-membri preżenti, is-Sur Chircop spjega kif dawn huma persuna bil-kwalifċi pero għad m'għandhomx l-esperjenza neċessarju u jridu jkunu l-membri stess sabiex jgħinu f'dan l-aspett.

2.6.12 Is-Sur Chircop spjega li hu lest li jilqa kull proposti u kif wieħed dejjem għandu jżomm li l-fondi li jingħataw qatt ma għandhom ikun qed iservu biex jirranġaw l-pożizzjoni finanzjarji tal-Kunsilli Lokali.

2.6.13 Is-Sur Tanti ssuġġerixxa li jkun tajjeb jekk l-ammonti jkunu jafu bihom qabel biex kull Kunsill Lokali jkun jaf x'proġett jistà jressaq u jimplimenta. L-ammonti għandhom jinħaddmu fuq formula ġusta marbuta mad-daqs tal-Kunsill Lokali bejn il-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

2.6.14 Is-Sra Perici Ferrante ppreżentat l-Baġit għas-sena 2022 b'mod dettaljat

2.6.15 Il-Viċi Sindku ta' Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, spjegat is-sistema li kienu jużaw fir-Reġjun li kienu jappartjenu fih qabel fejn il-proġett kienu jinkorpora lir-Reġjun kollu u mhux b'mod individwali.

2.6.16 Kien hemm diskussjoni dwar dan bejn il-membri preżenti u l-President issuġġerixxa li kulħadd jaħseb f'proġetti li jistgħu jsiru sabiex jiġu diskussa fil-laqgħa li jmiss.

2.6.17 Fuq prosposta tal-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, sekondat mis-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, dan il-baġit ġie approvat b'mod unanimu mill-membri preżenti.

## 2.7 *Performance Appraisals* tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-impjegati għas-sena 2021

2.7.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, ressaq fuq il-mejda l-*performance appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sra. Jeanette Galea, għas-sena 2021.

2.7.2 Is-Sur Chircop spjega kif, skond id-direzzjoni mgħotija mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, dan ir-rapport ġie ppreparat mill-President preċedenti, is-Sur Michael Fenech Adami, fejn hu ppropona li għandha tingħata l-persentaġġ sħieħ ta' 10% u kif dan ir-rapport qed jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

2.7.3 Il-membri preżenti approvaw dan ir-rapport b'mod unanimu.

2.7.4 Il-President ressaq fuq il-mejda il-*performance appraisals* ta' l-impjegati li ġew ippreparati mis-Segretarju Eżekuttiv u fejn qed jiġi propost li dawn għandhom jingħataw il-persentaġġ sħieħ ta' 6% bl-eċċezzjoni għal waħda mill-impjegata li kienet impjegata minn Novembru 2020 sal-bidu ta' Marzu 2021. Għal dan il-perjodu hi ser tingħata l-persentaġġ minimum ta' 3%.

2.7.5 Il-membri preżenti approvaw dan ir-rapport b'mod unanimu.

2.7.6 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, staqsiet jekk l-uffiċċjali l-ġodda humiex intitolati għal *performance bonus* ukoll.

2.7.7 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Jeanette Galea, infurmat li dawn m'humiex intitolati għal dan il-bonus.

## 2.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- ***Aġġornament fuq l-Uffiċjali Reġjonali***

2.8.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri preżenti kif is-Segretarju Eżekuttiv kienet talbet lill-Assistant Direttur, lis-Sur Simon Agius, sabiex jgħatina aġġornament dwar l-interess li kien hemm mill-aħħar sejħa li għalqet fis-17 ta' Diċembru 2021.

2.8.2 Is-Sur Chircop spjega kif is-Sur Agius infurmana li d-Dipartiment irċieva 43 applikazzjoni pero 8 applikanti kienu qed japplikaw għal aktar minn pożizzjoni waħda.

| | |
|---|---|
| European/Local Funds | 8 |
| Projects | 7 |
| Culture | 9 |
| IT | 4 |
| Waste Management | 4 |
| Environment | 11 |
| Total | 43 * |

2.8.3 Is-Sur Chircop żied jgħid li wara li jinżammu l-intervisti minn naħa tad-Dipartiment, dawn ser jgħaddulna l-lista bl-ismijiet ta' dawk li huma eleġibbli u għal din ir-raġuni hemm bżonn li jinħatar bord mill-membri sabiex kif tasal il-lista nkunu nistgħu nipproċedu bl-intervisti.

2.8.4 Kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex il-bord ikun kompost mill-President flimkien mas-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, u s-Sindku ta' Swieqi, is-Sur Noel Muscat.

- *Laqgħa mid-Diviżjoni għal Gvern Lokali*

2.8.5 Il-President informa lill-membi preżenti kif nhar it-Tnejn 10 ta' Jannar 2022 kienet inżammet laqgħa onlajn mid-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, mas-Segretarji Eżekuttivi tas-sitt Kunsilli Reġjonali sabiex jiġu indirizzati *issues* amministrattivi dwar il-kompożizzjoni il-ġdida tar-Reġjuni - Financial issues; Contract issues; Contracts of Regional Officers; Adminstrative Issues (Coat of Arms); Co-ordination of IT issues; Any other issues.

- *Emblema Ġdida*

2.8.6 Il-President informa lill-membri kif minħabba l-bdil fl-isem tar-Reġjun, dan ir-Reġjun irid ikollu emblema ġdida u kif, għal din ir-raġuni, lejn l-aħħar tas-sena 2021, is-Segretarju Eżekuttiv kienet għamlet kuntatt ma' Dott. Charles A Gauci li huwa Chief Herald of Arms of Malta f'isem il-Heritage Malta dwar dan.

2.8.7 Is-Sur Chircop spjega kif hu bagħat il-prezzijiet kif ukoll proposta ta' diżinn. Liema diżinn ġie muri lill-membri preżenti kif ukoll ingħatat spjegazzjoni dwar dan id-diżinn.

2.8.8 Il-membri preżenti qablu sabiex ikun hemm kumitat maħtur mill-membri preżenti u dan ser ikun kompost mill-President, is-Sur Anthony Chircop, flimkien mas-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, il-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, flimkien mas-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit.

2.8.9 *19:14pm – is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa. Joanne Debono Grech, kif ukoll is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Keith Tanti, talbu li jiġu skużati mill-laqgħa minħabba impenji oħra.*

2.8.10 Is-Sur Chircop talab lill-membri preżenti jgħaddu ismijiet ta' persuni li jifhmu fl-araldika sabiex ikun jistà jsir kuntatt magħhom.

- *Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2022*

2.8.11 Il-President informa lill-membri kif is-Segretarju Eżekuttiv kienet talbet lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex tinforma lir-Reġjun bl-ammont ta' l-allokazzjoni finanzjarja għal din is-sena.

2.8.12 Is-Sur Chircop qal kif is-Sur Chris Galea infurmana li l-allokazzjoni għas-sena 2022 hija ta' €3,500,000 u li din trid tinqasam bejn is-sitt Reġjuni. Għal din ir-raġuni, kull Reġjun ser jingħata l-ammont ta' €583,333. Ftit tal-ġranet wara, dan ir-Reġjun irċieva l-email uffiċjali dwar dan permezz ta' Ċirkulari numru 1/2022 – Allokazzjoni Finanzjarja għal 2022.

2.8.13 *19:20pm – is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, skuża ruħu mill-laqgħa minħabba impenji oħra.*

- *SPI.SCI.9.2021 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022*

2.8.14 Is-Sur Chircop għamel referenza għal din l-iskema sabiex ifakkar lill-membri preżenti li tistgħu tagħmlu kuntatt mar-Regional Cultural Officer, Nikki, jekk tixtiequ xi għajnuna. Infakrukom li din is-sejħa tagħlaq nhar l-Erbgħa 26 ta' Jannar 2022.

2.8.15 Is-Sur Max Zammit staqsa jekk il-Kunsill Lokali jridx bilfors jitkellem ma' l-uffiċjal tal-Kultura peress li d-data ta' l-għeluq kienet viċin wisq u peress li hemm lokal li jrid ikun involut peress li qegħdin f'ġemellaġ miegħu.

2.8.16 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dik id-deċiżjoni hija tal-Kunsill madanakollu wieħed irid iżomm f'moħħu li din l-uffiċjal qedha hemm propju sabiex toffri dan is-servizz.

2.8.17 *19:25 – Il-Viċi Sindku ta' l-Iklin, is-Sa. Yvonne Bartolo, tablet sabiex tiġi skużata mill-laqgħa minħabba impenji oħra.*

- *Kwotazzjoni għal Servizz Professjonali ta' Avukat*

2.8.18 Il-President informa lill-membri preżenti kif il-kuntratt għal perjodu ta' sena ma' Dott. Richard Sladden kien ġie fi tmiemu f'Diċembru 2021 u għalhekk il-membri għandhom jiddeċiedu jekk is-Segretarju Eżekuttiv għandhiex titlob kwotazzjonijiet oħra għal perjodu ta' sena.

2.8.19 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif din normalment titressaq f'Novembru pero kellha titressaq f'din l-ewwel laqgħa peress li l-kompożizzjoni tar-Reġjun inbidlet mill-1 ta' Jannar 2022.

2.8.20 Il-President spjega wkoll kif aktar kmieni dik il-ġimgħa, l-uffiċċju irċieva kont mingħand Dott. Sladden għal Jannar 2022 peress li hu ħa ħsieb jipprepara l-kuntratti bejn ir-Reġjun flimkien mal-*Clubs* sabiex jinbeda l-proċess għall-applikazzjoni ta' fondi mal-Awtorità ta' l-Ippjanar.

2.8.21 Il-membri qablu sabiex jinġabru kwotazzjonijiet neċessarji għall-laqgħa li jmiss.

- *Servizz ta' Mechanical Engineer*

2.8.22 B'referenza għal dan is-serviz, il-President spjega kif matul is-snin preċedenti il-Kunsill Reġjonali Ċentru kien joħroġ sejħa ta' offerti sabiex jipprovdi dan is-servizz sabiex issir spezzjoni tas-sigurtà fil-*playingfields* li jinsabu fi ħdan ir-Reġjun.

2.8.23 Is-Sur Chircop kompla jispjega kif il-kuntratt li kellu dan ir-Reġjun għalaq is-sena li għaddiet u d-Diviżjoni kien ta' l-approvazzjoni sabiex dan is-servizz jingħata sa tmiem ir-Reġjun. Ghal din ir-raġuni s-servizz ġie fi tmiemu fl-2021 u qed tiġu mitlub sabiex tagħtu direzzjoni jekk dan is-servizz għandux jitkompla jingħata.

2.8.24 Il-membri qablu sabiex din is-sejħa terġa tinħareġ sabiex dan is-servizz jingħata lit-tnax-il lokalità taħt dan ir-Reġjun.

2.8.25 Is-Sur Chircop spjega wkoll kif is-Segretarju Eżekuttiv kienet talbet sabiex isir bdil ta' l-isem fuq is-sistema ta' l-EPPs u ġiet infurmata mid-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, li qabel ma jkun hemm l-approvazzjoni formali ta' l-emblema l-ġdida, ma nistgħux nipproċedu.

2.8.26 Għal din ir-raġuni, is-Sur Chircop spjega kif l-emblema għanda titlesta malajr kemm jistà jkun.

- *Applikazzjonijiet mal-Awtorità ta' l-Ippjanar*

2.8.27 Il-President informa lill-membri preżenti kif dan ir-Reġjun irċieva emejl mill-Avukat Dott Sladden b'kopja ta' żewg kuntratti – kuntratt ma Sliema A.S.C. u kuntratt ieħor mal-kulleġ ta' San Alwiġi – dawn il-kuntratti qed isiru sabiex ikun hemm ftehim bil-miktub bejn il-Kunsill Reġjonali flimkien ma' l-NGO sabiex dawn jibbenifikaw mill-fondi kollha tal-PA.

- *Applikazzjoni bejn in-Neptunes WPSC u r-Reġjun*

2.8.28 Il-President informa kif nhar il-Ħamis 6 ta' Jannar 2022, dan ir-Reġjun kien irċieva emejl mingħand is-Sur Enzo Cachia (mill-Planning Authority) bil-kuntratt GS/50044/2021 - *Joint Application between Neptunes WPSC and Central Regional Council for Investment in water to water heat pump which will reduce operational costs by over 50%, saving circa 75,000ltrs of LPG/yr, equivalent to planting 5,500 trees/yr* - sabiex fuq l-approvazzjoni tar-Reġjun dan il-Kuntratt ikun jistà jiġi iffirmat. Dan ir-Reġjun qed jistenna li jingħata d-dettalji ta' meta ser jiġi ffirmat dan il-kuntratt.

2.8.29 Is-Sur Chircop spjega kif dawn huma proġetti li r-Reġjun kien għamel ma' *Clubs* partikolari imma il-finanzjament li jiġi minn dawn il-fondi li huma allokati għal kull lokal fejn 20 % mis-somma totali tistà tiġi mitluba minn NGOs minn kullimkien diment li l-proġett ikun marbut ma' dik il-lokalità.

2.8.30 Hu kompla jispjega kif l-għada ta' din il-laqgħa, ir-Reġjun ġie mistieden sabiex ikun preżenti għall-inawgurazzjoni tal-proġett li sar bejn ir-Reġjun u l-Kunsill Lokali tal-Pietà li tressaq fir-Reġjun sabiex il-Kunsill jkun eleġibbli għall-fondi kollha u mhux 70% biss. Din tapplika wkoll għal kull NGO.

2.8.31 Is-Sur Chircop qal kif dan kien każ ċar ta' kif għandhom jimxu l-affarijiet fejn it-talba tkun qed toriġina mill-Kunsill jew mingħand NGO bi qbil mill-Kunsill rispettiv qabel ma tkun tressqet quddiem ir-Reġjun għall-approvazzjoni. Is-Sur Chircop qal kif din ghandha tkun il-proċedura f'dan ir-Reġjun.

2.8.32 Għalkemm dan il-proġett diġa ġie approvat f'laqgħat preċedenti, il-President fakkar li hemm żewg proġetti oħra fejn wieħed huwa ma' Sliema Aquatic Sports Club u ieħor mal-Kulleġġ ta' San Alwiġi.

2.8.33 Is-Sur Chircop spjega kif, fil-każ ta' tas-Sliema, dak iż-żmien meta l-Kunsilli Lokali kienu ġew nfurmati bir-riforma dwar kif ser jinqassmu l-fondi, il-Kunsill kien proattiv u kien informa lill-għaqdiet tal-lokal bil-possibilità li jistgħu jitressqu proġetti u ġie allokat ammont għall kull proġett u b'hekk is-somma intitolata għalihom kien allokat. Issa jekk isir diskussjonjiet oħra li l Kunsill Lokali ma jkunx infurmat bihom, bħal ma ġara issa, qed jobbliga lir-Reġjun jipparteċipa fih.

2.8.34 Il-President għamilha ċara li hu mhux qed jiġbed l-attenzjoni dwar dan għax ma jaqbilx mal-proġett imma jekk il-Kunsill diġa qassamhom b'certu mod biex jassigura li l-NGOs kollha qed jgħamlu użu minnhom, il-fondi m'għandhomx jiġi utiliżżati minn NGO waħda biss.

2.8.35 Is-Sur Chircop spjega kif għal din ir-raġuni, hu jħoss li din it-talba minn din l-NGO għandi ngħaddiha lill-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema peress li meta sakemm hu kien għadu Sindku sa' Diċembru 2021, huwa qatt ma kien ġie involut fid-diskussjonijiet dwar dan il-proġett.

2.8.36 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sa Graziella Attard Previ, staqsiet jekk il-Kunsill Lokali għadx għadu fiċ-ċans li joġġezzjona għal dan il-proġett u x'qed tablet tkun taf x'qed jigi mitlub mill-Kunsill lir-Reġjun

2.8.37 Is-Sur Chircop spjega kif dik hija deċiżjoni tal-Kunsill Lokali u peress li l-Kunsill ma kienx infurmat b'din l-applikazzjoni, ir-Reġjun qed jitlob ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex hu jkun jistà jipproċedi. Ġaladarba l-Kunsill Lokali ma jkunx ser jaqbel mal-applikazzjoni, il-Kunsilli jrid jgħati r-raġunijiet għalfejn.

2.8.38 Is-Sur Chircop qal ukoll kif apparti din l-applikazzjoni, fil-laqgħa ta' Diċembru 2021 il-President uxxenti kien informa lill-membri li kienu ser jiġu mressqa proġett mal-Kulleġġ ta' San Alwiġi kif ukoll mal-Knisja ta' Santa Liena.

2.8.39 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, staqsiet jekk l-applikazzjoni imressqa min-Neptunes hux ser ikunu qed imissu mill-fondi allokati għall-NGOs f'San Ġiljan biss.

2.8.40 Is-Sindku ta' ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, fakkar kif qabel kienu setgħu jaqbdu u jieħdu l-fondi mingħajr konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali kkonċernat bħal ma kien ġara meta ittieħdu l-fondi sabiex sar il-parkeġġ fl-Università ta' Malta, mentri issa b'dan il-mod, il-Kunsill Lokali għandu 80% tal-fondi intitolati lilu ma jistgħux jintmissu minn ħaddieħor.

2.8.41 Is-Sur Chircop spjega kif l-prassi kienet tkun li l-NGO tavviċina l-Kunsill Lokali u tinżamm laqgħa mal-Planning Authority biex jekk l-applikazzjoni tkun valida, l-ammont jiġi ringfenced. Jekk ikun hemm domanda oltra dak li jkun qed jigi rrakomandat, sissa taw id drita lill Kunsill. Pero jekk ma jkunx hemm progetti ohra għal kumplament u l Kunsill ikun inattiv, allura jista jghidu li jekk ikun hemm propsota ohra, ikunu jistghu jipprocedu u jiehdu l fondi.

2.8.42 Is-Sur Chircop qal ukoll kif dan il-kuntratt li ġie fformulat minn Dott. Sladden qed jorbot kundizzjonijiet bejn ir-Reġjun u n-Neptunes biss u ma hemm l-ebda rabta mal-Awtorità ta' l-Ippjanar. Il-Kuntratt man-Neptunes offra użu tal-pixxina b'xejn f'ċertu ġranet u ħinijiet lill-anzjani fi ħdan ir-Reġjun u t-talba mingħand Sliema WSC huwa fuq l-istess kundizzjonijiet.

2.8.43 Il-President insista li dan għandu jkun il-motif tar-Reġjun. Li jkun ta' assistenza f'affarijiet fejn il-Kunsill Lokali waħdu jsiba diffiċli biex jasal għaliha.

- *Aġġornament dwar il-Vann mixtri mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara*

2.8.44 Il-President informa lill-membri kif dan ir-Reġjun kien irċieva emejl mingħand is-Sa Dorianne Diacono (SPI) nhar it-Tlieta 28 ta' Diċembru 2021 sabiex ir-Reġjun jirrifondi lura l-ammont ta' €34,982.25 u kif dan il-pagament għandu jiġi proċessat sa' nhar l-Erbgħa 19 ta' Jannar 2022.

2.8.45 Is-Sur Chircop spjega kif is-somma ta' €19.942 hija tal-pagament li kien sar mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara sabiex dawn jixtru vann sabiex jgħati servizz lill-anzjani tal-komunità. Skond ir-rapport li kien inħareġ mid-Diviżjoni, l-istruzzjoni kienet li l-Kunsill kellu jiġbor il-pagament sa' Diċembru 2021 u dawn jiġu mgħoddija lir-Reġjun sabiex umbad ir-Reġjun jgħaddi lura l-ammont lid-Diviżjoni. Madanakollu l-Kunsill ta' Birkirkara għad ma ġabar l-ebda pagament peress li huma qed jipproċedu bil-qorti.

2.8.46 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, staqsiet jekk il-kumpanija li kellha tipprovdi din il-vettura setgħatx tipprovdi vann ieħor.

2.8.47 Il-President spjega li mid-dehra l-Kunsill hekk kien talab pero l-kumpanija ma provdiet xejn xorta waħda.

2.8.48 Hu żied jgħid kif dan ir-Reġjun għandu jkollu konsulent legali dwar dan. Sfortunatament Dott. Sladden ma jistax jiġi kkonsultat dwar dan il-każ minħabba li huwa qed jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara. Madanakollu dan ma jfissirx li Dott. Sladden ma jistax japplika għal meta tinħareġ is-sejħa għas-servizz ta' Avukat għar-Reġjun.

- *Lista fuq Spazzji Miftuħa*

2.8.49 Il-President fakkar lill-membri dwar emejl li ntbagħtet mill-uffiċjal Reġjonali ta' l-Ambjent, is-Sa Andrea Borg Brincat, nhar il-Ġimgħa 7 ta' Jannar 2022, filwaqt li r-ringrazzja lill dawk il-Kunsilli Lokali li pprovdew din l-informazzjoni b'mod immedjat.

- *Tribunal Lokali*

2.8.50 Il-President informa lill-membri li t-Tribunal Lokali kellu jiddiferixxi s-seduti li kellhom jinstemgħu fit-Tribunal Lokali minn Nhar it-Tnejn 10 ta' Jannar 2022 sal-Ħamis 13 ta' Jannar 2022 peress li r-Reġistratur kienet ma tiflaħx.

## 2.9 Vakanza Għal Deputat Reġistratur fit-Tribunal Lokali tar-Reġjun – Skala 13 (Full Time)

2.9.1 Il-President informa lill-membri kif is-Segretarju Eżekuttiv kienet preżenti għall-laqgħa onlajn li ġiet imsejħa mid-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, nhar it-Tnejn 10 ta' Jannar 2022 u f'din il-laqgħa giet infurmata li d-Diviżjoni ser tirranġa l-kwalifiċi meħtieġa fil-liġi u kif tinħareġ il-liġi b'dawn l-emendi, ir-Reġjun ikun jistà jipproċedi bis-sejħa.

2.9.2 Hu spjega wkoll kif din il-laqgħa ġew diskussi wkoll il-problemi relatati mat-Tribunal Lokali u s-Sur Attard issuġerixxa li jiġi maħluq *working group* bejn tliet Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjun sabiex jiġu diskussi dawn il-problemi u jkun hemm direzzjoni komuni.

## 2.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

2.10.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

2.10.2 Il-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, sekondat mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa. Margaret Baldacchino Cefai, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 1A u 1B.

2.10.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 2.11 Mozzjonijiet

2.11.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 2.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

2.12.1 Il-laqgħa intemmet fit-20:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 23 ta' Frar 2022.

Konfermati, illum l-Erbgħa 23 ta' Frar, 2022.

| | |
|---|---|
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |